MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 567/2003

**Avviz numru 567/2003DM**

**Simon Mifsud bhala mandatarju specjali ta' Bovelacci Geom Giancarlo**

**Vs**

**RC Building and Advisory Group Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbghat elef disa' mija sebgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm4,927.53) jew ammont iehor f'liri Maltin li fil-gurnata tas-sentenza ikun l-ekwivalenti ta' hdax-il elf erba' mija tmienja u disghin Euro u disgha u tmenin centezmu (Euro 11.498,89), liema ammont huwa dovut lill-attur, fil-kapacita' tieghu kif premessa, ghall-merkanzija provduta fuq talba tal-konvenuti stess, kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru u tal-varji interpellazzjonijiet u bl-imghaxijiet sa mid-data ta’ meta l-ammont sar dovut, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-kumpanija konvenuta pprezentat nota li permezz taghha ammettiet, bla riservi, t-talba attrici.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni l-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta’ erbghat elef disa’ mija sebgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm4,927.53) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mis-17 ta’ Novembru tas-sena 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------